

# IL-ĦIDMA EWLENIJA TAL-PAPA

L-ewwel prijorita' għas-suċċessur ta' Pietru kienet mistqarra mill-Mulej fil-Kamra ta' Fuq fi kliem mill-aktar ċar: "Int... wettaq lil ħutek" (Lq 22,32). Pietru nnifsu tenna mill-ġdid din il-prijorita' fl-ewwel Ittra tiegħu: "Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom" (1 Pt 3,15). Fi żminijietna, meta fi bnadi kbar tad-dinja l-fidi hi fil-periklu li tmut bħal fjamma li m'għandhiex aktar żejt, il-prijorita' assoluta hi li nagħmlu lil Alla preżenti fid-dinja u biex nuru lill-bnedmin it-triq lejn Alla. Mhux kwalsijasi alla, imma Alla li tkellem fuq is-Sinaj; dak Alla li nagħrfu l-wiċċ tiegħu f'dik l-imħabba li tħobb "sal-mewt" (Ġw 13,1) f'Ġesu' Kristu, imsallab u rxuxtat. Il-problema vera f'dan iż-żmien tal-istorja tagħna hi li Alla qed jgħib minn fuq ix-xefaq tal-bniedem, u, bid-dawl dejjem jonqos li jiġi minn Alla, l-umanita' qed titlef id-direzzjoni tagħha.

Il-prijorita' l-kbira u l-aktar waħda fundamentali tal-Knisja u tas-suċċessur ta' Pietru fi żminijiet hi li tmexxi l-bnedmin lejn Alla, dak Alla li jitkellem fil-Bibbja. Konsegwenza loġika ta' dan hu li f'qalbna jrid ikun hemm ix-xewqa tal-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu. Il-firda, in-nuqqas ta' qbil bejniethom jagħmEl diffiċli li dak li jgħidu dwar Alla jitwemmen. Għalhekk l-isforz biex nippromovu xhieda komuni tal-Insara għall-fidi tagħhom l-ekumeniżmu hi parti minn din il-prijorita' l-aktar għolja. Flimkien ma' dan hemm il-bżonn li dawk kollha li jemmnu f'Alla jingħaqdu ħaġa waħda biex ifittxu l-paċi, biex jippruvaw jersqu aktar lejn xulxin, u biex jimxu t-triq tal-ħajja flimkien, anke jekk għandhom xbihat differenti ta' Alla, lejn l-għajn tad-Dawl dan hu d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet. Kull min jistqarr li Alla hu Mħabba "sal-mewt" għandu jagħti xhieda għal din l-imħabba: fl-attenzjoni kollha mħabba lejn min qed ibati, f'li jwarrab kull mibegħda u ġlied din hi d-dimensjoni soċjali tal-fidi Nisranija, li minnha tkellimt fl-Enċiklika *Deus Caritas Est*.

Għalhekk jekk id-dmir iebes li wieħed jaħdem għall-fidi, it-tama u l-imħabba fid-dinja tal-lum (u, f'ċertu sens, dejjem) hi l-prijorita' vera tal-Knisja, parti minnha hi wkoll magħmula minn atti ta' rikonċiljazzjoni, żgħar u mhux daqshekk żgħar...

*Silta mill-Ittra tal-QT il-Papa Benedittu XVI lill-Isqfijiet tal-Knisja Kattolika dwar il-maħfra tal-iskomunika lil erba' isqfijiet ikkonsagrati mill-Arċisqof Lefebvre 10 ta' Marzu 2009*

***STEDINA***

**IS-46 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TAL-ISEM IMQADDES TA' ALLA**
**IL-ĦADD, 26 TA' APRIL 2009**
**PARROĊĊA SANTA MARGERITA, SANNAT**

**Suġġett**: "L-isem ta' Ġesu' Kristu jkun igglorifikat fikom u intom fih" (2 Tess 1,12)
Il-**Programm** jibda b'Korteo fil-5.00p.m. minn ħdejn l-iskola primarja Ġuże' Aquilina għall-Pjazza tar-raħal. Ikun hemm siġġijiet għal kulħadd.

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***It-Tlieta 21 ta' April:*** Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Universita' - 7.15pm - KDŻ)
***Il-Ġimgħa 24 ta' April:*** Ir-raba' anniversarju tal-Bidu tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI
***Il-Ħadd 26 ta' April:*** Is-46 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla (Parroċċa Sannat 5.00p.m.)

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', Mgħallem tas-sewwa, kompli wasslilna t-tagħlim tiegħek, u ifthilna qalbna għalih biex nagħrfu nagħżlu bejn it-tagħlim tiegħek u dak li toffrilna d-dinja.*

gozopress • 21551534



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

It-2 Ħadd tal-Għid • Sena B • L-40 Sena (2090) • 19 ta' April 2009



Dak in-nhar fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Mbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom."Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."

Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej." Iżda hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer u ma nqiegħedx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx."Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom?" Mbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen." Wieġeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi?" Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu." ((Gw. 20,19-31)

**RIFLESSJONI**

- Meta nkun mal-ġemgħa biex niċċelebra lil Kristu fostna, nħoss il-preżenza ta' Kristu, li jagħtini l-paċi tiegħu ?.
- L-Ispirtu s-Santu, li huwa rigal ta' Kristu lid-dixxipli wara l-qawmien, qed nagħtih liberta' biex jaħdem fija ?
- Nismagħha l-Kelma ta ' Ġesu' :- 'Kif Missieri bagħat lili hekk qed nibgħat lillkom' ?.
- Ngħix u naħdem bħala mibgħut minn Ġesu' ?.
- Nemmen il-Kelma ta' Kristu u tal-Knisja jew dejjem irrid nara u mmiss b'idejja ?.

**Is-sliem għalikom!**